MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 708/2001/1

**Burmarrad Commercial Limited**

**vs**

**Stuart Craig**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija, somma dovuta lis-socjeta` attrici in kwantu ghal elf mija u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1144.25) rifuzjoni ta' prezz ta' prodott li ma kienx tal-kwalita` patwita, u in kwantu ghall-bilanc, danni subiti konsegwenzjali (annessi mal-avviz Dok.A, B, C u D);**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fid-9 ta' Ottubru, il-konvenut ikkontesta t-talba, u giet verbalizzata l-kontestazzjoni tieghu u intqal li t-talba qed tigi kontestata:**
**i. Fl-ewwel lok peress illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur, stante li hu fil-vesti tieghu personali ma wettaqx ix-xoghol in kwistjoni, liema xoghol gie mwettaq mid-ditta AGS Co., u ghalhekk kellu jigi mharrek f'ismu proprju u fl-isem u fl-interess ta' l-istess ditta, flimkien mas-socji ta' l-istess ditta;**
**ii. Fil-meritu t-talba qed tigi kontestata minhabba li x-xoghol ordnat kien tal-kwalita` patwita, u jekk se mai gralu xi hsara kien minhabba f'nuqqas tas-socjeta` attrici li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tigi stabbilita s-supply ta' l-elettriku, kif debitament imwissija mid-ditta hawn fuq imsemmija;**
**iii. U di piu` ghad hemm bilanc dovut ghax-xoghol kompletat u assenjat, kif ukoll l-garanzija kienet "expired".**

**Semgha x-xhieda ta' Rose Mary Camilleri, Stuart Craig, Maria Gauci. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-verbal tat-8 ta' Novembru, 2001, li fih il-partijiet qablu li l-kontijiet hargu fuq AGS Company.**

**Ikkusidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir ghall-prezz ta' prodott li xtart is-socjeta` attrici minghand il-konvenut u li qed tghid li ma kienx tal-kwalita` pattwita. Inoltre hemm ukoll talba ghad-danni li garrbet l-istess socjeta` attrici bhala konsegwenza ta' dan.**
**2. Il-konvenut qed jeccepixxi fl-ewwel lok li mhuwiex il-legittimu kontradittur, stante li hu fil-vesti tieghu personali ma wettaqx ix-xoghol in kwistjoni, liema xoghol gie mwettaq mid-ditta AGS Co.. Issa apparti li, skond il-verbal tat-8 ta' Novembru, 2001, il-partijiet qablu li l-kontijiet hargu fuq AGS Company, jirrizulta li l-konvenut hu l-proprjetarju ta' l-istess. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma hix qed tigi akkolta.**

**3. Dwar il-meritu, jirrizulta li s-socjeta` attrici originarjament kellha sistema ta' accounting fuq il-computer, li kienet tahdem bis-sistema DOS. Is-socjeta` attrici b'din is-sistema kellha certi restrizzjonijiet biex tahdem, hekk bhal li ma setghux juzaw l-istess programm diversi nies flimkien fl-istess hin, u li ma kienetx tghaggel bizzejjed. Ghalhekk is-socjeta` attrici ghazlet li taghmel "upgrade" tas-sistema ghall-sistema li kienet tahdem bil-Windows. Minn SAGE Version 9 riedu upgrade ghal SAGE Line 50.**

**4. Skond ma xehdet RoseMary Camilleri, segretarja mas-socjeta` attrici, u li tiehu hsieb l-accounts, kienu ddecidew li jaghmlu "upgrade" f'Settembru, 1999, u f'Ottubru, 1999 sar l-ordni. Jirrizulta li l-"purchase order" Dok.RB1, hu datat 26 ta' Ottubru, 1999 (vide ukoll Dok.A). Il-prezz tas-sistema kien ta'seba' mija u hamsin lira Maltija piu` VAT li b'kollox gab total ta' tmien mija u tnejn u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm862.50). Dawn thallsu fl-10 ta' Jannar, 2000.**

**5. Jidher li sussegwentement il-konvenut ippresta diversi servizzi lis-socjeta` attrici, skond ma jirrizulta mid-Dok.RB5, RB6 u RB7 datati 12 ta' Settembru, 2000, Dok.RB4 datat 16 ta' Settembru, 2000, Dok.RB3 datat 20 ta' Ottubru, 2000, filwaqt li mid-Dok.RB2 datat 14 ta' Novembru, 2000 jirrizulta li l-konvenut ghamel "backup" lis-socjeta` attrici u qaleb l-informazzjoni li kellhom minn sistema ghall-ohra.**

**6. Jirrizulta li kien hemm sitt computers ghand is-socjeta` attrici. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Camilleri li bis-sistema li kellhom qabel, jekk wiehed qed jahdem fuq programm, u dak il-wiehed jibblokka, l-ohrajn li kienu qed jahdmu fuq dak il-programm kienu jibblukkaw ukoll. Skond l-istess xhud, wara li giet installata s-sistema l-gdida, jekk tnejn qed jahdmu fuq l-istess programm, u wiehed jibblokka, jigri li jibblokka l-iehor ukoll, u anke ta' l-ohrajn li mhux qed jahdmu fuq l-istess programm.**

**7. Il-konvenut allega li setgha kien hemm xi difetti fil-cables. Pero` dana ma jirrizultax, u dana skond studju li sar Dok.E esibit.**

**8. Jirrizulta li l-hardware ma nxtarax minghand il-konvenut izda minghand d-ditta "Bits and Bytes".**
**9. Jirrizulta li s-socjeta` attrici ghandha l-ufficji taghha f'Burmarrad. Jirrizulta li hemmhekk ta' spiss imur id-dawl. Jirrizulta li s-socjeta` attrici kellha "generator", u li kull meta kien jinqata' d-dawl kienu jitfu l-computers, u dana kif xehedet Maria Gauci li tiehu hsieb il-purchasing tas-socjeta` attrici. Jirrizulta li s-socjeta` attrici kellha UPS ukoll.**
**10. Skond il-konvenut SAGE jaghtu xahrejn garanzija mid-data li jinxtara. Ghandu jinghad li filwaqt li Rose Mary Camilleri ma kienetx taf dwar registrazzjoni tas-SAGE fl-Ingilterra, il-konvenut jghid li s-socjeta` attrici irregistrat f'April, 2000, u peress li kien hemm garanzija ta' xahrejn, il-garanzija skadiet fil-21 ta' Gunju, 2000. Issa skond ma xehedet RoseMary Camilleri is-sistema kienet ghada tahdem sa Novembru, 2000.**
**11. In vista tal-fatt li f'Burmarrad il-provvista ta' l-elettriku kienet tinqata' ta' spiss, il-konvenut kien qalilhom biex jiehdu certi prekawzjonijiet, bhal sistema ta' UPS, u generator li jlahhaq ma' dak mehtieg mill-ufficju.**
**12. Ghalhekk huwa verosimili dak li qed jghid il-konvenut li is-socjeta` kkuntattjatu dwar il-problemi meta mar id-dawl, u hu kien mar f'Settembru, 2000, u rranga l-informazzjoni nieqsa jew hazina. Jirrizulta li fis-16 ta' Settembru, 200 ikkuntattjatu Mary Rose Camilleri dwar problema b'kont partikolari, u hu mar u sab li kien zball li kien gja jezisti fis-sistema antika. Fid-19 ta' Settembru, 2000 regghu cemplulu ghax kien mar id-dawl, u kienu tilfu l-informazzjoni. Hu kien pprovdihom b'kopja ta' l-informazzjoni u rega' irranga s-sistema.**
**13. F'Novembru, 2000, regghu sejhulu u qalulu li xtaqu jergghu jmorru lura ghas-sistema antika. Hu kien ha hsieb kollox.**
**14. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jirrizultax li hemm lok li tigi milqugha t-talba attrici in kwantu ma giex pruvat li kien hemm xi difett, jew li x-xoghol ma kienx tal-kwalita` pattwita. Jidher piuttost li jekk kien hemm xi problema din kienet mis-sistema ta' l-elettriku fl-**

**inhawi, u il-fatt li l-provvista ta’ l-elettriku kienet ta’ spiss tinqata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizulatx pruvata, it-Tribunal qed jichad it-talba tas-socjeta` attrici.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**